MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 290/2007

**Falzon Service Station Limited (C1731)**

**Vs**

**Crown Hotels Limited**
**C 22101**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba` mija u wiehed u tletin lira erbgha u erbghin centezmu (Lm431.44) rapprezentanti prezz ta` fuel mibjugh lill-istess socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha kif jirrizulta minn prospett anness u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-konsenji sal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra li s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex dirigenti tas-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment dirigenti ta` l-istess socjeta` konvenuta naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-11 ta` Mejju, 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tat-talba attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ra d-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba` mija u wiehed u tletin lira, erbgha u erbghin centezmu (Lm431.44) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-konsenji relattivi u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------